# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2022/2518

## tat-13 ta' Diċembru 2022

## li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dak il-perċentwal jiġi kkalkolat skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura") [1].

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-*data* disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2023.

(5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

**Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill**

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 83 203 320 | 18,59 |
| Franza | 67 842 582 | 15,16 |
| Italja | 59 607 184 | 13,32 |
| Spanja | 47 432 805 | 10,6 |
| Polonja | 37 654 247 | 8,41 |
| Rumanija | 19 038 098 | 4,25 |
| Netherlands | 17 734 036 | 3,96 |
| Belġju | 11 631 136 | 2,6 |

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%) |
|---|---|---|
| Greċja | 10 603 810 | 2,37 |
| Ċekja | 10 545 457 | 2,36 |
| Żvezja | 10 440 000 | 2,33 |
| Portugall | 10 352 042 | 2,31 |
| Ungerija | 9 689 010 | 2,17 |
| Awstrija | 8 967 500 | 2,00 |
| Bulgarija | 6 838 937 | 1,53 |
| Danimarka | 5 864 667 | 1,31 |
| Finlandja | 5 541 241 | 1,24 |
| Slovakkja | 5 434 712 | 1,21 |
| Irlanda | 5 060 004 | 1,13 |
| Kroazja | 3 862 305 | 0,86 |
| Litwanja | 2 805 998 | 0,63 |
| Slovenja | 2 107 180 | 0,47 |
| Latvja | 1 875 757 | 0,42 |
| Estonja | 1 331 796 | 0,3 |
| Ċipru | 904 700 | 0,2 |
| Lussemburgu | 643 648 | 0,14 |
| Malta | 520 971 | 0,12 |
| UE 27 | 447 533 143 | |
| Livell limitu (65 %) | 290896543” | |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK